l-orizzont – It-Tlieta, 24 ta' Novembru, 2009

# Gonzi jrid li l-poplu jkun informat x'qed jiġri fl-UE

● Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi, waqt li lbieraħ iltaqa' mal-'core group tal-MEUSAC', enfasizza li l-Gvern japprezza x-xogħol li jsir f'dan il-kumitat u saħaq li l-Gvern hu kommess li l-poplu jibqa' jkun informat b'dak li jkun qed iseħħ fl-Unjoni Ewropea għax dan jaffettwah direttament.

"Bil-bidu ta' din il-leġislatura erġajna waqqafna l-MEUSAC, bi tliet għanijiet ċari. Irridu li l-poplu jibqa' jkun informat dwar l-Unjoni Ewropea, mhux tant bħala istituzzjoni, iżda bħala unjoni li għandha impatt fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna. Ir-regoli tal-Unjoni Ewropea mħaddmin tajjeb ifissru investiment lejn pajjiżna, opportunitajiet ta' xogħol għaż-żgħażagħ u l-ħaddiema, opportunitajiet edukattivi, drittijiet għall-konsumatur u standards ambjentali," qal il-Prim Ministru.

Il-Prim Ministru qal li "dan il-Gvern qiegħed iħaddem id-djalogu pubbliku b'mod mill-aktar wiesa. Fil-bidu ta' din il-leġislatura waqqafna Segretarjat Parlamentari għall-konsultazzjoni pubblika u l-informazzjoni. Il-MEUSAC flimkien mal-MCESD huma żewġ fora importanti f'pajjiżna li fihom hemm rappreżentanza wiesa fi strutturi differenti fi ħdanhom. Permezz tal-funzjoni ta' konsultazzjoni, il-MEUSAC qiegħed jagħti vuċi b'saħħitha lill-imsieħba soċjali u lis-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-pożizzjoni ta' Malta.

"Għan ieħor tal-MEUSAC hu dak li jgħin fl-opportunitajiet li toffri s-sħubija sħiħa ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Fl-għaxar xhur li għaddew għen b'suċċess lil 125 organizzazzjoni biex dawn jibbenefikaw minn fondi li jammontaw għal aktar minn €3 miljun. Permezz ta' dawn il-programmi parteċipattivi, aktar nies qegħdin jingħataw għajnuna biex jiżvilppaw lilhom infushom fit-talenti, il-ħiliet u l-esperjenzi tagħhom f'Malta u f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Il-MEUSAC qiegħed iqarreb il-benefiċċji tas-sħubija aktar viċin ir-residenti fil-lokalitajiet differenti tagħna u fost dawk li huma impenjati f'għaqdiet mhux governattivi," enfasizza l-Prim Ministru.

Dr Lawrence Gonzi qal ukoll li "matul is-sena d-dieħla, permezz ta' 'l fuq minn €140 miljun ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, il-Gvern se jkun qiegħed jinvesti b'għaqal f'bosta setturi. Jinvesti fl-infrastruttura tal-pajjiż u jinvesti biex ikompli jkattar ix-xogħol. Se naraw investimenti fit-toroq, fis-sistemi tad-drenaġġ u fir-restawr tas-swar. Il-Gvern se jkun qiegħed permezz tal-fondi tal-Unjoni Ewropea mhux biss joħloq aktar opportunitajiet ta' xogħol imma anke jtejjeb il-potenzjal ta' pajjiżna."



Il-Prim Ministru jindirizza l-laqgħa tal-MEUSAC

# Il-bonds ta' Mizzi jiżdiedu għal €30m.

● Minħabba r-rispons qawwi li kien hemm għall-bonds ta' €25 miljun b'imgħax ta' 6.2% li jagħlqu fl-2016 – 2019 li nħarġu minn Mizzi Organisation Finance plc, l-offerta ngħalqet ftit ħin wara li fetħet ilbieraħ filgħodu minħabba li d-domanda kienet aktar minn dak li kien hemm bżonn (over subscription).

Għalhekk il-bord taddiretturi ddeċieda li jeżerċita d-dritt ta' 'over-allotment' u jżid l-ammont b'€5 miljuni oħrajn biex it-total tal-'bond issue' tela' għal €30 miljun. Il-mod kif se jsiru l-allokazzjonijiet se jitħabbar nhar it-Tnejn li ġej.

Mizzi Organisation irringrazzjat li dawk kollha li kellhom x'jaqsmu ma' dawn il-ħruġ ta' 'bonds', l-intermedjarji finanzjarji, iżda fuq kollox lill-investituri kollha tal-kunfidenza li wrew fl-organizzazzjoni.



## Ir-Re u r-Reġina ta' Spanja jaslu Malta għada

● Ir-Re Juan Carlos u r-Reġina Sofia ta' Spanja għada jibdew żjara ta' jumejn f'pajjiżna wara li aċċettaw l-stedina li għamlilhom il-President George Abela. Juan Carlos ilu re ta' pajjiżu mit-22 ta' Novembru 1975 waqt li r-Reġina Sofia tiġi bint ir-Re Pawlu 1 u r-Reġina Federica tal-Greċja. Il-koppja żżewġet fl-14 ta' Mejju 1962 u għandhom tlett itfal u tmien neputijiet.

## Jinstabu pjanti tal-ħaxixa f'għalqa fix-Xagħra

● Għawdxi ta' 49 sena mix-Xagħra qiegħed jinżamm arrestat b'konnessjoni ma' sejba ta' pjanti tal-kannabis li kienu mħawwlin f'għalqa li tmiss mar-residenza tiegħu.

Ilbieraħ, għall-ħabta tal-11.30 a.m, Pulizija mill-Iskwadra tal-Mobile ta' Għawdex kienu għaddejjin b'ronda fil-pjazza tax-Xagħra meta nnotaw vettura suspettuża. Minn tfittxija li saret fil-vettura nstabu xi weraq li huma suspettati li huma tal-pjanta tal-kannabis.

Tfittxija oħra fir-residenza tar-raġel wasslet għas-sejba ta' bosta oġġetti relatati mal-użu tad-droga. Imbagħad f'għalqa li tinsab mal-istess residenza nstabu ħames pjanti suspettati li huma wkoll ħaxixa.

Bis-sejbiet ġie infurmat il-Maġistrat tal-Għassa li ħatar diversi esperti biex jassistuh fl-inkjesta.

# F'pajjiżna kważi tlifna l-"intelliġenza kristjana"

## – Isqof t'Għawdex

● L-Isqof ta' Għawdex, Mons Mario Grech, wera d-dispjaċir tiegħu li f'pajjiżna kważi tlifna dik li huwa sejjaħ "intelliġenza kristjana".

Waqt li kien qiegħed jindirizza lill-ġemgħa fil-festa ta' Kristu Re f'Għawdex, l-Isqof Grech qal li tkun irresponsabilità gravi tal-poplu t'Alla f'dawn il-gżejjer jekk ma joffrix sehemu fl-iżvilupp uman u sħiħ tas-soċjetà.

"Għalkemm għandna ħafna tajjeb madwarna, huwa fatt li qegħdin naraw ukoll ċerti esperjenzi li qegħdin jirrendu l-ħajja ta' xi wħud tqila. Jekk mhux fil-familji tagħna stess żgur li qrib tagħha hemm sitwazzjonijiet li jitolbu azzjoni biex il-bniedem jerġa' jibda jgħix."

Mons. Grech qal li huwa fenomenu ta' żmienna li xi koppji miżżewġin qegħdin jinfirdu u waqt li sostna li mhux il-waqt li jidħol fl-argument dwar min għandu t-tort, saħaq li fil-komunità għandna koppji feruti, individwi bla futur u wlied bla familja.

Kien hawn li huwa staqsa jekk il-karba ta' dawn in-nies tistax tibqa' tiġi fgata jew jekk l-insara humiex fid-dmir li jisimgħuhom, jakkumpanjawhom u jfittxu soluzzjonijiet li jirrispettaw il-verità.

L-Isqof t'Għawdex kompla li ladarba l-bniedem huwa dgħajjef, xi drabi jsib ruħu involut f'attività li mhux bilfors ikun konvint li hija l-aħjar għażla għalih. Waqt li semma l-promiskwità bħala eżempju, huwa qal li persuna li għax m'għandhiex biżżejjed kontroll fuqha nnifisha hija esposta għal ċertu mard, qiegħda tgħajjat għall-għajnuna.

"Ma nistgħux inkunu sensibbli għal din it-tbatija imma aħna fid-dmir li nfittxu x'rimedji nistgħu noffru basta jkunu rimedji li jirrispettaw id-dinjità umana tal-persuna."

L-Isqof Grech żied jgħid li soċjetà organizzata ċivilment għandha s-sistema amministrattiva bl-iskop li taqdi liċ-ċittadin u biex is-sistema tgawdi l-fiduċja ta' kull ċittadin mhix fin-natura tagħha li tippermetti ndħil politiku partiġjan. "Nassumi li l-politiċi huma serji biżżejjed li ma jindaħlux fiċ-ċivil… il-fatt biss li teżisti din l-impressjoni huwa ħażin. Barra mir-riformi amministrattivi, x'jista' jsir biex is-servizz pubbliku jkompli jitjieb u l-mentalità u l-prassi li semmejt jissaffew?" staqsa l-Isqof Għawdxi.

Mons. Grech kompla li qegħdin ngħixu f'epoka maħkuma minn dak li l-filosfu Gianni Vattimo sejjaħlu "il-ħsieb dgħajjef" fejn il-bniedem jiddubita ħafna mill-verità oġġettiva u huwa konvint mill-verità suġġettiva. Dan il-"ħsieb dgħajjef" fetaħ il-bieb għar-relattiviżmu mhux biss fl-etika imma f'kull qasam bil-konsegwenza li fin-nuqqas ta' dawk iċ-ċertezzi bażiċi sar iktar diffiċli d-djalogu.

Waqt li sostna li meta l-bniedem jirrinunzja li jaħseb b'moħħu jew jibda jaħseb b'mod ħaddieħor jew jaġixxi mingħajr ħsieb ikun qiegħed idgħajjef l-għarfien tal-verità, l-Isqof t'Għawdex saħaq li hija r-responsabilità storika tal-Kristjaneżmu li jindirizza dan il-bżonn li jkollna soċjetà li taħseb.


## VAKANZA TA' ĠURNALISTI

UNION PRINT CO. LTD

Il-Union Print Co. Ltd. tinħtieġ ġurnalisti biex jaħdmu mal-kumpanija.

L-applikanti għandhom ikollhom il-kwalifiki neċessarji jew ikollhom esperjenza f'dan il-qasam

Min hu interessat għandu japplika mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 27 ta' Novembru 2009.

Mal-ittra ta' l-applikazzjoni għandu jintbgħat C.V.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati hekk:

**Union Print Co. Ltd.**
**KAP RIŻORSI UMANI**
**A41, Qasam Industrijali**
**Marsa MRS 3000**